MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-7 ta' Awwissu, 2007

Numru 2/2007

**Il-Pulizija**
**Spettur Mario Tonna**
**v**

**GORDON DIMECH**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **GORDON DIMECH** ta' tletin sena bin Samuel u Annie nee Cucciardi imwieled Pieta nhar l-ewwel ta' Gunju 1977 u residenti 56, San Gejtanu, Triq San Gwann, Hamrun, detentur tal-karta tal-identita numru 300577M gie mressaq quddiemha akkuzat talli fis-sitta w is- sebgha ta' Awissu 2007 naqas li jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) per Magistrat Dottor Edwina Grima, b'digriet moghti nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Lulju 2007, li bih inghata l-helsien mill-arrest taht garanzija u diversi kundizzjonijiet.
Il-Qorti giet mitluba sabiex tirrevoka contrario imperio d-digriet tal-helsien mill-arrest ta' Gordon Dimech u tordna r-

ri arrest tieghu kif wkoll tordna li s-somma ta' mitejn lira moghtija bhala depositu u l-elf lira moghtija bhala garanzija personali fid-digriet fuq imsemmi, li huma parti mill-kundizzjonijiet ghal helsien mill-arrest, jghaddu favur l-Gvern ta' Malta f'kaz li jirrizulta li l-imputat kiser wahda mill-kundizzjonijiet tal-imsemmija liberta provizorja.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom, l-istqarrija tal-imputat datata sebgha ta' Awissu 2007, r-rikors sabiex tigi revokata l-liberta provizorja tal-imputat kif moghtija mill-Magistrat Dottor Edwina Grima nhar il-hamsa w ghoxrin ta' Lulju 2007 fejn hemm miktub fost kundizzjonijiet ohra, li ghandu jirritorna d-dar mhux aktar tard mill-ghaxra ta' bil-lejl u li jista johrog minn daru biss wara dawk il-hinijiet f'kaz li jkun xoghol fis-servizz tat-taxies bin-numru ta' registrazzjoni ATY 101 u CTY 156, l-kopja vera tal-kundizzjonijiet tal-istess digriet tal-liberta provizorja datat hamsa w ghoxrin ta' Lulju 2007 u kopja tal-akkuzi originali datata ghaxra ta' Lulju 2007.

Semghet lix-xhieda tal-prosekuzzjoni b'mod partikolari lill-Ispettur Mario Tonna, lis-Supretendent Carmelo Bartolo u lil PC 275 Thomas Dimech.

Semghet lid-difiza tiddikjara li kienet qed tezenta lil prosekuzzjoni milli tressaq xhieda tal-identita tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat.

Semghet wkoll lid-difiza tittratta dwar il-punti legali u cioe l-alrtikolu 579 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat ulterjorment;

Illi **l-Qorti**, wara li semghet l-punti kollha mehtiega u wara li rat l-artikolu 579(2)(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li ssib lill-imputat GORDON DIMECH hati ta' dan r-reat u tiddecidi li tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' erbgha mitt (400) lira maltin, b'dan li, bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tali somma ghandha tithallas f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin [50] lira maltin u f'kaz li l-imputat jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc**

**dovut jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hames liri dovuta.**

**Tilqa t-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tirrevoka d-digriet fejn l-imputat inghata l-liberta provizorja u tordna r-ri arrest immedjat tal-imputat filwaqt li tordna** li **s-somma ta' mitejn lira moghtija bhala depositu u l-elf lira moghtija bhala garanzija personali fid-digriet fuq imsemmi, li huma parti mill-kundizzjonijiet ghal helsien mill-arrest, jghaddu favur l-Gvern ta' Malta immedjatament.**

**Tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi komunikata lir-Registratur tal-Qorti ghal kull interess li jista jkollu.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------